MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Numru. 57/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Francis Buttigieg**

Numru: 57/2012

Illum 6 ta’ Marzu 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Buttigieg**, ta’ tmienja u hamsin (58) sena, iben John u Carmela neé Buttigieg, imwieled Qala, Ghawdex, nhar is-7 ta’ Novembru 1953, residenti Honey Comb, Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 66353(G) akkuzat talli nhar il-15 ta’ April 2012 u fil-

granet ta’ qabel, gewwa diversi postijiet il-Qala, Ghawdex, f’hinijiet differenti:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda ma tiskorriex l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) ghad-detriment ta’ Joseph Buttigieg;

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Buttigieg hekk kif gie ceritikat minn Dr. J. Galea MD;

3. fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. fl-istess data, hin u cirkostanzi, hebb ghal Joseph Buttigieg u John Buttigieg sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lillhom jew lil persuni ohra;

5. fl-istess data, hin u cirkostanzi ngurja u/jew hedded lil Joseph Buttigieg u John Buttigieg.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 21 ta’ Frar 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Artikoli 214, 215, 221, 222(1)(a) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Artikoli 338(dd), 339(d), u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tallum, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet lill-imputat, minghajr ammissjoni ta’ htija, fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2013, jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma kien ser idejjaq, jimmolesta jew ikellem lill-kwerelanti Joseph Buttigieg u John Buttigieg.

Semghet lill-kwerelanti Joseph Buttigieg u John Buttigieg, fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2013, jiddikjaraw li kienu qeghdin jaghzlu li ma jixhdux fil-konfront tal-imputat u li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta’ provi, u fir-rigward tat-tieni (2), tar-raba’ (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------